Lulju 2010—Nru. 366

it-Triq

ma' KRISTU l-ferħ possibbli

www.it-triq.org





# Il-Beatitudnijiet tax-xitan

# Il-Beatitudnijiet tax-xitan
## (Ħsieb fuq il-qoxra ta' barra)



Ix-xitan għandu l-beatitudnijiet tiegħu wkoll, u dawn magħmulin b'sengħa kbira:

Imberkin dawk li dejjem iħossuhom għajjenin u ma jkunux jifilħu jmorru l-knisja lanqas darba fil-ġimgħa—għax dawn huma l-aqwa ħaddiema fil-għalqa tiegħi;

Imberkin dawk li jikkritikaw il-mexxejja tal-Knisja—għax għandhom post garantit fis-saltna tiegħi;

Imberkin dawk li huma fiż-żewġ estremi: jew reliġjużi żżejjed hekk li jinnervjaw lil ħaddieħor, jew inkella dawk li għalihom xejn mhu xejn: żina, dagħa, gideb, serq bl-addoċċ— għax dawn huma tiegħi għal dejjem;

Imberkin dawk li dejjem jivvintaw kif jaqilgħu l-inkwiet kullimkien, u li grazzi għalihom iġelldu familji ma' xulxin—għax dawn jissejħu wliedi;

Imberkin dawk li ma jsibux ħin għat-talb— għax dawn huma d-dgħajfin li malajr jaqgħu fin-nassa tiegħi;

Imberkin dawk li jpaċpċu żżejjed u jirrovinaw b'ilsienhom kull ħaġa tajba—għax dawn inqishom bħala aġenti sigrieti tiegħi;

Imberkin dawk li, wara li jaqraw dan kollu, jaħsbu li dawn ma jgħoddux għalihom u allura mhux ser jagħtu kashom—għax dawn bil-garanzija li huma diġà tiegħi.

---

Din il-ħarġa ta' Lulju 2010 qed niddedikawha lil ħbieb tagħna li bl-offerti tagħhom għenuna nifdu l-ispejjeż li saru f'din il-ħarġa. Waqt li aħna nirringrazzjawhom, inwegħduhom it-talb tagħna. Grazzi.

Id-Direzzjoni

fuljett
ta’ kull xahar
maħruġ
minn grupp
ta’ talb
fost
Il-Ħaddiema

Nru. 366
Lulju 2010

# *Int tibża’ waħdek?*

Ħbieb,

Ħafna drabi l-bniedem tal-lum tant qed igħix ħajja mgħaġġla, li ma jsibx ftit ħin għalih waħdu. Aħseb u ara kemm qed isib ħin biex waħdu jiftaħ qalbu ma’ Alla.

Anzi, biex tagħqad, donnu li tant dara f’attività u impenji kontinwi, li qed jibża’ jsib ruħu waħdu, u jaħrab dawk il-ftit minuti meta jkollu ċans ikun waħdu ... Il-ftit ċans li jkollu sabiex jirrifletti ... x’qed jagħmel b’ħajtu ... fejn hu sejjer ... Il-bniedem tal-lum jibża’ minn dawn il-mistoqsijiet.

Importanti li nsibuh dan il-ħin fil-kwiet: ħin ta’ riflessjoni, ħin ta’ talb ... Imqar ftit minuti, li fihom nistaqsu lilna nfusna mistoqsijiet bħal: aħna kuntenti bil-ħajja tagħna? F’hiex qed infittxu l-ferħ ta’ ħajjitna? Qed nagħtu każ tal-ħajja spiritwali tagħna? Ma niddejqux nistaqsu dawn il-mistoqsijiet lilna nfusna, u nikkoreġu ruħna fejn hemm bżonn.

Jekk ma nagħmlux hekk, inkunu qed ngħixu b’mod superfiċjali ... u jkollna biss dak il-ferħ li ma jtulx fina, dak il-ferħ ta’ ftit ħin, li jgħaddi u jħalli dwejjaq floku.

Le, m’għandux ikun hekk. Ħajjitna jistħoqqilha aħjar.

# Nixtieq



Mulej, kemm nixtieq li nsir nafek iżjed,
li jkolli fidi akbar fik,
li nħobbok iżjed Mulej,
li jkolli aktar mill-Ispirtu Tiegħek.

Mulej, nixtieq li naħseb fik aktar
... li moħħi jaħseb fik biss ...
biex hekk insir 'ta' ġewwa' miegħek.

Mulej għinni sabiex nagħti dejjem eżempju tajjeb,
sabiex inkun ta' servizz għall-oħrajn,
li nħobb, nagħder u naħfer aktar,
li niġbed lejk ħafna erwieħ.
Iva Mulej, nixtieq li nkun riġlejk,
idejk,
ilsienek u qalbek,
ħalli nxerred ma' kullimkien il-
ferħ u l-paċi tiegħek.







Mulej, nixtieq li nfaħħrek iżjed
u f'kull ċirkustanza ta' ħajti,
li qalbi tfawwar kontinwament
b'talb ta' ringrazzjament
u ta' adorazzjoni
lejn it-Trinità Mqaddsa,
li nadurak kontinwament
bħall-anġli u l-qaddisin.

Xerred fuqi Mulej id-dawl qawwi tiegħek,
biex dawn ix-xewqat tiegħi isiru rejaltà.
Għall-glorja tiegħek Mulej,
u sabiex tiġi Saltnatek.
Ammen.



# Żifna

Ftit ilu, il-*BBC* xandar programm fuq waħda żeffiena popolari Taljana li f'ħajjitha kienet seħħet bidla kbira.

Anna Nobili, illum tgħodd 39 sena, kienet għaddiet parti kbira minn ħajjitha bħala żeffiena fl-aqwa *nightclubs* madwar l-Italja. Iżda issa t-talenti tagħha qed tużahom b'mod l-aktar differenti, meta għall-ewwel darba, fid-9 ta' April 2009, - appuntu ftit aktar minn sena ilu - fil-Bażilika tas-Salib Imqaddes f'Ruma, hija tat *show* ta' żfin bl-isem: "Iż-Żifna Qaddisa". Anna spjegat lill-*BBC World Service* li din il-bidla minn żeffiena għal soru, seħħet bil-mod il-mod.

"Kienet ommi li spiss ħeġġitni biex nerġa' nkabbar fija l-fidi biex mill-ġdid insib lil Ġesù. Għall-ewwel domt biex aċċettajt din l-istedina ta' ommi, imma hawn Ġesù laħaqni bil-grazzja tiegħu, u ftaħt qalbi għalih," tistqarr Anna. Din il-grazzja ta' Ġesù ħassitha tissaħħaħ fiha meta marret iżżur il-Knisja ta' San Franġisk, f'Assisi.

Imbagħad Anna ngħaqdet mas-Sorijiet ta' 'Marja ta' Nażaret'. Hi, flimkien ma' sorijiet oħra, jmorru fl-isptarijiet u fil-ħabsijiet biex wara li jinkorraġġixxu pazjenti u ħabsin bi kliem ta' faraġ, iferrħuhom bi żfin Kristjan modern. Hi ċerta li kull min jara ż-żfin tagħhom iħoss li Ġesù għadu ħaj u li Hu Alla tal-ferħ u mhux tad-dwejjaq. Fil-programm tal-*BBC*, Anna stqarret li dan iż-żfin tagħhom għandu l-barka tal-isfqijiet u saċerdoti li kellhom l-okkażjoni jarawhom.

Suor Anna Nobili, meta tkun qed tieħu sehem f'xi programm bħal dawn, tieħu l-okkażjoni biex tersaq lejn l-udjenza, speċjalment żgħażagħ, biex tagħmlilhom kuraġġ u ma jaqtgħux qalbhom jekk huma bogħod minn Alla, għax il-Mulej dejjem lest li jilqagħhom lura fi ħdanu jekk huma jduru lejh. Fuq kollox, hekk ġara fil-każ tagħha personali.

# Riskju Meqjus

... u tħalli f'idejn il-Mulej

Kien bħal daż-żmien meta familja ftehmu li jmorru ġurnata l-baħar. Kif waslu l-bajja u sabu post, kulħadd biddel u ġrew lejn il-baħar. Il-missier mar fuq *platform* tal-konkrit li kien hemm fil-viċin, u f'kemm ilna ngħidu qabeż il-baħar. It-tifel ta' madwar erba' snin għoġbitu l-ideja. Tela' fuq il-*platform*, ġera ġirja żgħira u bla ma ħasibha darbtejn qabeż hu wkoll. It-tifla li kellha sitt snin tħajret.

Marret sat-tarf tal-*platform* biex tara kemm hu fond il-baħar. Ħadet pożizzjoni, u bdiet tgħodd qabel taqbeż…wieħed, tnejn, tlieta…iżda xorta ma qabżitx. Reġgħet ippruvat imma għalxejn. Meta raha hekk, il-missier tela' mill-ilma, qabdilha jdejha u b'ġirja waħda qabżu flimkien.

Wara ftit tal-ħin, telgħu mill-baħar biex jaħsbu għall-ikel. Dak il-ħin it-tifla daret lejn ommha u qaltilha: "Ma nafx xi ġrali. Ħija qabeż il-baħar bla ma ħasibha xejn, waqt li jien qgħadt naħsibha u ma qbiżtx!"

Hekk il-ħajja! Issib min jagħmel l-affarijiet bla ħsieb, u dan kultant jista' jdaħħlu fl-inkwiet. Mill-banda l-oħra, ħafna ħsieb żejjed jista' jwassal lil dak li jkun sabiex jaqta' qalbu. Ma tridx tesaġera la lejn naħa u lanqas lejn l-oħra. Trid tieħu riskju meqjus u tħalli f'idejn il-Mulej. Fuq kollox, ħafna mill-progress li sar fid-dinja ġara għax xi ħadd ħa riskju meqjus.

---

**THANK GOD for what you have,**
**TRUST GOD for what you need**

**Harsh words break no bones but they do break hearts.**

**Happiness is enhanced by others**
**but does not depend upon others**

---

# *Dak li tiżra' taħsad*



Ir-raġel ħares 'il fuq lejha. Kienet mara tat-tajjeb. L-ewwel ħsieb li għadda minn moħħu kien li riedet tgħaddi passata żmien bih, bħalma għamlu ħafna qabilha.

'Ħallini,' qalilha bil-herra. Hi baqgħet hemm, titbissimlu.
'Għandek il-ġuħ?' staqsietu.
'Le,' qalilha sarkastikament, 'għadni kif ġej minn ikla mal-president ... Issa mur 'l hemm.'
F'daqqa waħda r-raġel ħass id taħt spalltu. 'X'qed tagħmel, mara?' staqsiha r-raġel irrabjat. 'Għidtlek ħallini waħdi.'

Dak il-ħin resaq lejhom kuntistabbli tal-puluzija: 'Hemm xi problema sinjura,' huwa saqsa.
'Le xejn ma nqala,' wieġbet il-mara. 'Qed nipprova nqajjem lil dan ir-raġel. Tista' tatini daqqa t'id jekk jogħġbok?'

Il-kuntistabbli beda jħokk rasu. 'Dak Jack! Sar biċċa waħda ma' dawn l-inħawi issa, das-snin kollha jterraq hawn! X'interess jista' jkollok fih?'
'Qed taraha dik il-kafetterija hemmhekk? Irrid nieħdu jieħu xi ħaġa ta' l-ikel hemmhekk, u nevitalu għal ftit ħin il-ksieħ t'hawnhekk.

'Qed tiġġennen mara? Ma tarax li jien mhux ser nersaq 'l hemm!' beda jipprotesta r-raġel. Imma issa ħass idejn sodi jaqbdulu spalltu 'l oħra u jerfgħuh 'il fuq. 'Ħallini Sir, jien m'għamilt xejn ħażin!'
'Ġakki ruħi, ġietek waħda tajba llum, ara ma titlifhiex!'

Fl-aħħar, u b'diffikultà kbira, il-mara u l-uffiċjal tal-puluzija rnexxielhom iwasslu lir-raġel żdingat fil-kafetterija, u poġġewh bil-qiegħda f'rokna ftit imbiegħda min-nies. L-għodwa kienet daħlet sew, u allura ħafna minn dawk in-nies li jieħdu l-breakfast kienu

*(ikompli fil-paġna li jmiss'*

*(ikompli mill-paġna ta' qabel)*

diġà telqu, u dawk għall-ikel ta' nofs in-nhar kienu għadhom ma ġewx.

Il-manager tal-kafetterija nnifsu ġie ħdejn il-mejda fejnhom, u saqsa lill-kuntistabbli: 'Hawn x'inhu ġej, Sir? Hemm xi trouble ma' dan ir-raġel?'
'Din is-sinjura ġabet lil dan ir-raġel jiekol hawn,' wieġeb il-kuntistabbli.
'Imma mhux hawn,' qal bil-herra il-manager, 'bniedem ta' din ix-xeħta jagħmel riklam ħażin lir-restaurant.'

Kif sema' hekk, ir-raġel bl-isem ta' Jack tbissem b'ironija, 'Qed tara, sinjura, għidtlek jien. Issa ħallini mmur 'l hemm. Fuq kollox ma ridtx niġi hawn jien!'
Iżda l-mara daret fuq il-manager, u bi tbissima qaltlu: 'Sir, taf xi ħaġa dwar il-kumpanija finanzjarja Eddy and Associates?'
'Daż-żgur li naf!' wieġeb il-manager, 'huma jżommu l-laqgħat tagħhom kull ġimgħa fis-sala tal-konferenzi li għandi.'
'U tagħmel kemxa flus mhux ħażin tipprovdi l-ikel għal dawn il-laqgħat hux?'
'Int x'għandek x'taqsam ma' dan kollu?'
'Jien Penelope Eddy, President u Chief Executive Officer tal-kumpanija.'
Il-manager inħasad sew b'din it-tweġiba. Il-mara reġgħet tbissmet: 'Bsart li din l-aħbar tagħmel id-differenza ...'

Hija daret lejn il-kuntistabbli li dak il-ħin kien qed jipprova jżomm milli jfaqqa' xi daħqa tajba, u qaltlu: 'Trid tiekol xi ħaġa magħna, Sir?'
'Le grazzi, madam,' wieġeb l-uffiċjal, 'qiegħed fuq xogħol.'
'Mela mqar għal belgħa kafé' reġgħet saqsiet is-sinjura.
'OK mela. Grazzi ħafna sinjura.'
Il-manager pront mar iġib il-kafé.
'Risposta f'waqtha tajtu, madam,' qalilha l-kuntistabbli.

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

*(ikompli mill-paġna ta' qabel)*

'Ngħidlek is-sew mhux dik l-intenzjoni tiegħi. Qed nagħmel dan għal raġuni oħra.'
Kif qalet hekk poġġiet bil-qiegħda fuq il-mejda faċċata ta' Jack, u ffissat għajnejha fuqu.
'Jack, qiegħed tiftakarni?'
Jack ħares lejha, u għajnejh bdew qishom ifittxu xi ħjiel minn wiċċha, sakemm: 'M'inhix ċert imma, irrid ngħid, wiċċek donnu nafu.'
'Kbirt ftit fl-età,' qaltlu, 'u naħseb li tqawwejt ukoll minn dak iż-żmien meta inti kont taħdem hawn stess, u jiena dħalt minn dak il-bieb hemmhekk, bil-ġuħ u bil-bard.
'Sinjura!' stagħġeb il-kuntistabbli b'dak il-kliem tal-mara. Ma setax jemmen kif mara ta' suċċess bħal dik setgħet qatt kienet f'miżerja kif qed tistqarr li kienet.
Imma l-mara kompliet: 'Kont għadni kif spiċċajt l-iskola sekondarja. Bdejt niġri mat-toroq tal-belt infittex ix-xogħol, imma ma stajtx insib imkien. Spiċċawli l-flus, u qabbżuni l-barra mill-appartament li kont krejt. Kien Frar, u kont qed inħoss ħafna bard u kont mejta bil-ġuħ meta rajt dan il-post, u dħalt hawn biex forsi nsib xi ħaġa x'niekol.'

Il-ħarsa ta' Jack iddawlet bi tbissima ħajja: 'Issa qed niftakar,' huwa qal, 'jien kont hemm wara l-counter. Ġejt u saqsejtni jekk tistax tibda taħdem hawn biex taqla' x'tiekol. Jien għidtlek li dan kien kontra r-regolamenti tal-kumpanija'.
'Naf', kompliet il-mara, 'Imbagħad għamiltli l-akbar sandwich bil-laħam mixwi li qatt rajt, tajtni kikkra kafé, u għidtli sabiex immur bil-qiegħda fuq mejda ħalli niekol bil-kwiet. Bżajt li inti kont ser tiġi fl-inkwiet. Imbagħad, meta rajtek tħallas inti għall-ikel li tajtni, allura serrraħt rasi.'
'Allura mbagħad inti bdejt business għal rasek hux?' qalilha Jack.
'Kont sibt impieg dak in-nhar stess. Bdejt naħdem, nistinka u nimxi 'l quddiem. Saflaħħar ftaħt negozju għal rasi li, bl-għajnuna tal-Mulej, irnexxa.' Hija fetħet il-basket, ħarġet *business card* u qalet lil Jack, 'Meta tlesti minn hawn, nixtieqek tmur s'għand is-Sur

*(ikompli fil-paġna li jmiss)*

(ikompli mill-paġna ta' qabel)

Lyons, li hu d-Direttur inkarigat mill-istaff tal-kumpanija tiegħi. Jien se mmur inkellmu issa, u ċerta li hu jsib xi ħaġa li tista' tagħmel fl-uffiċċju.' U bi tbissima kompliet, 'Naħseb li anki jsib xi fondi sabiex jgħaddihomlok bil-quddiem ħalli tkun tista' ssib post fejn tgħix sakemm tiġi fuq saqajk sew. Jekk ikollok bżonn xi ħaġa, il-bieb tiegħi dejjem miftuħ għalik.'

Id-dmugħ beda nieżel minn għajnejn Jack. 'Kif qatt nista' nirringrazzjak?' beda jsaqsi.
'Tirringrazzjax lili,' wieġbet il-mara. 'Lill-Mulej tmur il-glorja. Huwa kien li laqqagħni miegħek.'

Barra l-kafetterija, il-kuntistabbli u s-sinjura waqfu għal ftit tal-ħin qabel ma telqu lil xulxin għal xogħolhom. 'Grazzi tal-għajnuna tiegħek, Sir,' hija qaltlu. 'Għall-kuntrarju, Ms. Eddy,' huwa weġibha. 'Grazzi lilek. Illum rajt miraklu jseħħ quddiem għajnejja, u dan mhu se ninsieh qatt. U .... u grazzi tal-kafé.'

---

The choice you make today will usually affect tomorrow.

Man looks at the outward appearance
but the Lord looks within.

Love is the only thing that can be divided
without being diminished.

---



## *Niftakru fit-talb tagħna …*

… fir-ruħ ta' **JOHN CHETCUTI**, li jiġi missier **Luciano Chetcuti,** li jaħdem ma' l-Aġenzija għall-Pagamenti tal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

# Niżżel fid-Djarju tiegħek



Il-Ġimgħa, 2 ta' Lulju 2010
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
B'devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, f'dan il-jum nersqu lejn il-quddiesa u naraw li nkunu disposti wkoll sabiex nitqarbnu.

---

## *Għalfejn qiegħed hemm?*

Il-fonti tal-Ilma Mbierek, li jinsab qrib il-bieb ta' barra ta' kull knisja: tajjeb niftakru li l-ewwel ħarġa li għandna nagħmlu malli nidħlu l-knisja hija li nieħdu b'subgħajna l-kbir ftit ilma mbierek u bih nagħmlu 'salib' fuq ġbinna waqt li f'qalbna ngħidu l-'Att ta' l-Indiema', ħalli ruħna tissaffa mill-ħtijiet.

Minn hemm immorru f'postna fil-knisja, u qabel kollox nagħmlu viżta lil Ġesù Sagramentat. Aħna u ħerġin mill-Knisja mhemmx obbligu li nerġgħu nagħmlu l-ilma mbierek.

---

## *Imberkin intom miżżewġin ...*

... li tafu tkunu fqar fl-ispirtu, li ma tħallux li l-hena tagħkom tiddependi minn kemm għandkom ...
... flus fil-Bank ... karozza sabiħa ... dar lussuża.

---

For every minute you are angry with someone, you lose
60 seconds of happiness that you can never get back.

# Rokna Ċajt

*meħudin mill-ktieb:*
*‘Ta’ Lanqas Tbissem’*



Wieħed kien qed jitgħallem ikun pilota ta’ *helicopter* u kien lest biex jagħmel l-ewwel titjira tiegħu. Beda tiela’ 100 pied ... 200 pied .. 300 pied u fl-aħħar, *crash* !
Sab ruħu l-isptar u beda jispjega lit-tabib x’ġara. ‘Dott, l-ewwel 100 pied, imbagħad 200 pied, imbagħad 300 pied, imbagħad ...’
‘X’ġara imbagħad?’ staqsa t-tabib.
‘Wara t-300 pied ħassejt il-bard hemm fuq u tfejt dak il-fann kbir li kelli fuqi ...’

---

Foreman: Ħaffu fix-xogħol li qed tagħmlu u titnikkrux!
Ħaddiem: Orrajt, orrajt, imma isma’ ħej, Ruma ma saritx f’ġurnata waħda tafx!
Foreman: Jista’ jkun, imma żgur li ma kontx jien il-*foreman* dak in-nhar!

---

Raġel darba saqsa lil sieħbu: Kellek xi xewqa li xtaqt u seħħet?
U sieħbu wieġbu: Iva. Meta kont żgħir ommi kienet tweġġagħni meta tagħmilli xagħri, u kont xtaqt li kont fartas ...!

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:**
**Paul Schembri**
**73 ‘Terezita’, Triq Birbal, Balzan BZN 9015**
**Tel: 21440384**
**e-mail: it-triq@camline.net.mt**
**url: www.it-triq.org**